MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Numru 166/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Stephen Mallia)**

**Versus**

**Carmel sive Charles Camilleri**
**U**
**Felix Caruana**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Carmel sive Charlot Camilleri ta' 24 sena bin Carmelo u michelina nee Desira mwieled il-Pieta' fit-22 ta' Frar 1980 u li joqghod fil-fond Numru 9 Padova House Alexander Lane  Zurrieq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 141980 (M)

U

Felix Caruana ta’ 23 sena bin Emanuel u Theresa nee Farrugia imwieled tal-Pieta’ fil-15 ta’ Mejju 1980 u li joqghod fil-fond Ave Maria Triq il-Kuncizzjoni Zurrieq detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 248480 (M)

Akkuzati talli :

1. f’xi zmien bejn l-1 ta’ Jannar 2003 u l-20 ta’ Mejju 2003 fl-Imqabba ikkommettew serq ta’ vettura tal-ghamla Vauxhall Nova bin-numru tar-registrazzjoni CBB 679 liema serq huwa kwalifikat bix-xorta tal-haga misrqua ghad-detriment ta’ Charles Bianco minn Birkirkara;

2. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, f’diversi lokalitiajiet f’dawn il-Gzejjer xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, bi ksur tal-artikolu 334 tal-Kap 9;

3. fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer, malli saru jafu li xi haga li kienet fil-pussess taghhom kienet haga misruqa jew haga mehuda b’qerq jew akkwistata b’reat naqsu li jgharrfu lill-Pulizija b’dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kienu saru jafu bi ksiru tal-artikolu 334A tal-Kap 9;

**Lil Felix Caruana wahdu**

4. Talli fl-20 ta’ Mejju 2003 u fil-jiem ta’ qabel fiz-Zurrieq u f’inhawi differneti f’dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jw beneficcju iehor ghalih innifsu jew ghal hadd iehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita’ pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi wahhal sett pjanci tarp-registrazzjoni foloz bin-numru FLX 155 fuq vettura tal-marka Mitsubishi Colt bin-numru tar-regsitrazzjoni originali JAS 896 ai termini tal-artikolu 188 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

5. Talli fl-istess zmien, lok u `irkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi document iehor ffalsifikat billi wahhal in-numru tar-registrazzjoni FLX 155 li jippartjenti vettura ohra tal-istess ghamla u cioe' tal-ghamla Mitsubishi Colt fuq vettura tal-ghamla Mitsubishi Colt ukoll, bin-numru tar-registrazzjoni originali JAS 896 ai termini tal-artikolu 189 tal-Kap 9;

6. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Mitsubishi Colt bin-numru ta-registrazzjoni originali JAS 896 b'numru tar-registrazzjoni FLX 155 li huwa falz, meta din ma kenitx registrata mal-Kummissarju tal-Pulizija jew mal-Awtorita' Dwar it-Trasport Pubbliku u b'hekk ma kentix koperta b'li`enzja jew polza tal-assigurazzjoni ghar-riskju ta' trerzi persuni ai termini tal-artikoli 17, 18 u 31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (AL 128/1994) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli kiser il-provvediment tal-Artikolu 9 (illum 22) tal-Kap 152 (illum 446) tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-25 ta' Mejju 2002 f'liema sentenza kien instab hati izda liberat that kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

8. Rat l-atti kolloha tla-process inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali u taz-zewg imputati sabiex dawn il-proceduri jkunu sommarji, il-fedini penali taz-zewg imputati, ic-certifikati tat-twelid li jgibu n-numri 2484 tal-1980 u 1410 tal-1980, l-istqarrijiet maghmula miz-zewg imputati, il-current incident report, is-sentenza a fol.84 u d-dikjarazzjoni tad-difiza li biha ezentat lill-Prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar l-istqarrija u x-xhud tas-sentenza esibita.

9.Semghet ix-xhieda bil-gurament

10. Semghet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u taz-zewg abbli Difensuri tal-imputati

Ikkonsidrat

11. Skond il-Prosekuzzjoni fl-20 ta' Mejju 2003 l-Pulizija kienet marret f'garazxx fiz-Zurrieq fejn sabu zewg vetturi tal-marka Vauxhall Nova li fuqhom kien qed siri xi xoghol ta' panel beating. Il-Vauxhall Nova li kellha n-numru KAL 052 kienet registrata fuq l-imputat Charlo Camilleri.  Din kellha hsarat fuq in-naha ta' quddiem.

12. Kien hemm karozza ohra tal-istess tip izda din kienet bajda u kellha n-numru CBB 679. Il-pjanca tax-chassis kienet loose fil-garaxx.  L-imputat ikkonferma li din il-pjanca kienet tal-karozza CBB 679.

13. Il-karozza l-bajda li kellha l-bonnet maqlugh u fitted fuq il-karozza blu kienet registrata f'isem Topper Auto Dealer izda filfatt kienet propjeta' ta' Charlie Bianco tal-Western Company Limited, dealer go Birkirkara.
Meta l-Pulizija kellma lil Charles Bianco, dan qal li l-Vauxhall bajda kienet insterqitlu xi zmien qabel minn go barriera gewwa l-Imqabba.  Din kienet flimkien ma' vetturi ohra li kienet storjata hemm hekk.   Charles Bianco kien ghadu m'ghamilx rapport ghaliex kull darba li kien imur l-Ghassa kienu jitolbuh xi dokumenti.  (Fol 66).

14. Charlo Camilleri qal li din il-karozza kien ilu jinnutaha pprakjata fl-akkwati fejn hem mil-barriera.  Kellha hgiega mksirra u xi affarijiet neqsin.  Huwa qal li bl-ghajnuna ta' Felix Caruana kienu gibduha u l-ghan kien li juzaha fit-tigrijiet f'Hal-Far.

15. In-numru tar-registrazzjoni kien JAS 896 izda l-Pulizija sabuha b'numru falz FLX 155 li kien jikkorrispondi ma' karozza tal-istess marka, Mitsubishi Colt.  Izda n-numru tax-chassis kien differenti u dawn it-tnejn kienu projeta' tal-imputat Felix Caruana.

**L-Istqarrija ta' Carmel Camilleri**

16. Carmel Camilleri qalli ghandu Vauxhall Nova blu bin-numru KAL 052 u Vauxhall Nova bajda li ma fihiex numri ghax kien gibdiha mill-Imqabba.  Kien ilu jaraha pparkjata

fejn ghalqa u ddecieda li jittowjaha. Huwa kien ilu jaraha mitluqa xi tlietx huar izda kein iddecieda li jigbidha xahrejn qabel. Il-karozza kellha xi affarijiet neqsin u l-gbid line sar filghaxija waqt li kien beda jroxx id-dlam. Huwa kien qabbad lil certu Pirotta, sprayer, beix jahdimlu fuqha. Huwa kien ser igorrha fuq karru ghax kienet blu numri. Huwa ammetta li kien diga wahahl il-bonnet tal-Vauxhall bajda fuq il-Vauxhall blu tieghu.

**L-Istqarrija ta' Felix Caruana.**

17. Dan qal li ghandu Mitsubishi Colt bin-numru FLX 155. Huwa ammetta li l-Mitsubishi Colt bil-pjanci FLX 155 kienet tieghu u li l-pjanci kienu tal-Colt li kellu fil-garaxx. Huwa kein iddecieda li jwahhal in-numru ta' karozza fuq ohra biex sakemm jlesti karozza jkun jista' juza l-ohra. Huwa kien qala' l-pjanci f'Ottubru 2002 u wahhalhom fuq il-Colt l-ohra. Huwa ried jaghti l-impressjoni li l-Colt li fuqha wahhal il-pjanci FLX 155 kienet dik li filfatt kellu fil-garaxx. Il-parts li kienu nstabu kienu ta' Vauxhall Nova li tippartjeni lil Charlot Camilleri. Hu ma kienx ra lill-imputat l-iehor izarmahom izda qal li kienu ngiebu mid-dar tal-imputat l-iehor zarmati.

**Xhieda ohra tal-Prosekuzzjoni**

18. Xehed Brian Farrugia ghad-Direttur tat-Traffiku. Dan qal li l-karozza FLX 155 hija l-karozza tal-marka Mitsubishi Colt ta' kulur maroon u tghajjat lil Felix Caruana u ilha ghandu mit30 ta' Settembru 2002. Dan in-numru huwa numru personalizzat

19. Il-karozza JAS 896. Din hija Mitsubishi Colt u tghajjat lil Felix Caruna.

20. Il-karozza CBB679 hija Vauxhall Nova ta' Topper Auto Dealer u ilha tghajjat lilu mis-sena 2000.

21. Ma kellhomx informazzjoni li l-karozza CBB 679 kienet misruqa.

22. PS 1122 Arthur Rizzo ipprezenta rapport minn Carmel Bianco li kellu barriera fil-limiti tal-Imqabba u fiha kien izomm zi 50 vettura. L-ahhar li kien ra l-karozzi kien f'Gunju 2003. Imbaghad ghamel zmien imsiefer u gie lura f'Ottubru 2003. Fis-6 t'Ottubru, 2003 ma kienx sabhom hemm. Fost il-misruqa kien hemm CBB Vauxhall Nova. (Ara l-current incident report a fol 50). Ir-rapport sar fil-15 ta' Dicembru 2003.

23. Xehed Charlie Bianco li qal li kien ghamel rapport fl-ghassa taz-Zurrieq. Kienet naqsitu l-Vauxhall Nova bjada li kellha n-numru CBB 679. Il-karozza nsterqet minn gol-barriera.

24. Xehed Anthony Tanti li qal li kien biegh il-Vauxhall Nova CDB 679 lil Charlie Bianco. Din kienet registrata fuq ix-xhud. Huwa kkonferma li l-log book li kien qed jintwera (SM4 a fol 33) kien taghha.

25. L-Ispettur Stephn Malli esibixxa sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija versus Felix Caruana' tas-27 ta' Mejju 2002, sentenza bla kundannaa izda b'kundizzjoni ghal sentejn.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

26. Illi matul it-trattazzjoni kien hemm enfasi li l-karrozza allegatament misruqa – l-Vauxhall bajda- ma kien sar ebda serq ghaliex din kienet 'res derelicta.' Dwar dan il-punt il-Professur Mamo jaghmel din l-osservazzjoni:

*'But an article that has no owner may come to be intentionally abandoned by him and of such derelict articles there can be no theft. Thus wrecks which have been abandoned without any intention of salvage or recovery are incapable of being stolen. A sound rule seems to be that laid down by an English Court in 'Rex versus White' to the following effect: ' If there is any ground for supposing that the accused may have believed the articles found to have been abandoned by its owner, the jury must be carefully directed with regard to the*

*matter, since, if the jury find that belief as a fact, the accused is not guilty.'* [1]

27. Min-naha l-ohra f'edizzjoni aktar ricenti tal-Archbold minn dik li minnha kien qed ikkwota l-Professur Mamo hemm dan li gej:

*In 'Williams versus Phillips', dustmen employed by a corporation were convicted by justices of stealing goods from dustbins collecred in the course of their duties. It was held that refuse put in a bin was not abandoned; it was the hosueholder's property until it was taken away, when it became the corporation's property.'* [2]

28. Kien l-imputat Carmel sive Charlot Camilleri li ammetta li kien gibed il-karozza ghaliex ra mitluqa. Dan sar filghaxija meta kien ghadu jidlam. L-ewwel kien ha l-karozza fil-garage to Felix u wara jum nehhiha u hadha ghand sprejer.

29. Il-Qorti mhix konvinta li dan l-imputat haseb li l-karozza kienet 'res derelicta' specjalment meta wiehed jikkonsidra dak li qal Charles Bianco – is-sid – li propju f'dik il-barriera kellu ruxxmata karozzi ohra storjati. Ghalhekk l-imputat seta' facilment jinduna, u l-Qorti hija konvinta li hekk ghamel, li l-vettura in kwistjoni ma kienet abbandunata xejn. Jekk hadd iehor kisser xi hgiega jew ha xi seat ma jfissirx li l-karozza kienet abbandunata. U jekk l-imputat kien daqshekk konvint li l-karozza kienet abbandunata ma kienx imur jigbidha meta jibda jidlam u jara kif iwaddabha 'gewwa' sakemm jehodha ghand l-isprejer u jkun jista' jibdel il-kulur taghha. Ic-cirkostanzi kienu juru li qabel jigbed il-karozza, l-imputat kellu jindaga dik ta' min kienet u jekk riedx jiddisponi minnha.

30. Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat Carmel sive Charlot Camilleri hati ta' l-ewwel imputazzjoni. It-tieni u t-tielet imputazzjonijiet huma biss alternattivi ghall-ewwel

---

[1] Mamo Anthony Professur: Notes on Criminal Law Part II page 276
[2] Archbold: edition 2003 page 1825 41 Cr.App.R.5, DC

wahda u l-Qorti mhix tiehu konjizzjoni taghhom fil-konfront ta' dan l-imputat.

31. Ghar-rigward tal-imputat Felix Caruana, dan ma qalx li kein gibed il-karozza in kwistjoni. Kien l-imputat l-iehor biss li qal hekk fl-istqarrija. Izda l-istqarrija ta' Charlot Camilleri ma tammontax ghal prova fil-konfront ta' Felix Caruana. U ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi ohra, qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

32. Effettivament dwar il-parts tal-Vauxhall Nova, dan l-imputat stqarr hekk:

*'Dawn huma ta' habibt ieghi, li jismu Charlot Camilleri u dawn huma ta' Vauxhall Nova. Ghalkemm jien ma rajtux izarmahom nghid li dawn il-parts gibnihom minn ghandu diga zarmati . Jien am nafx ta' liema vettura huma jew x'kulur hi, ghalkemm naf li hu ghandu Vauxhall Nova.'*[3]

33. Fil-fehma tal-Qorti dawn il-kliem mhumiex bizzejjed u ma jammontawx ghal prova cara bizzejjed li l-imputat Felix Caruana kien jaf li dawn il-parts kienu gejjin minn karozza misruqa. Ghalhekk barra milli tilliberah mill-ewwel imputazzjoni qed tilliberah mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni.

**L-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Felix Caruana biss**

34. L-ewwelnett Felix Caruana stqarr li hu kien wahhal in-numri FLX 155 tal-Colt li raw il-Pulizija fil-garaxx. Kien qalaghhom f'Ottubru 2002 u wahhalhom fuq il-Colt l-ohra. Huwa qaal li kien bidel il-magna ta' din il-Colt u kien ghadu am rregistrahiex mad-dipartiemnt tal-licenzji. Huwa kien ghamel hekk sabiex sadanitant jaghmel uzu mill- vettura (Ara fol.26).

35. Din l-istqarrija saret fil-21 ta' Mejju 2003. Il-pjanci twahhlu f'Ottubru 2002. L-artikolu 188 tal-Kap 9 jipprovdi hekk:

---

[3] Fol 27

'Kull min sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement jaghmel dikjarazzjoni falza, jew jaghti taghrif falz, jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhxu izjed minn sentejn jew multa.'

36. L-imputat wahhal il-pjanci ta' karozza fuq ohra. Il-pjanci jistghu jitqiesu bhala document? I-rrisposta hija iva fid-dawl ta' dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kirminali fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Paul Galea' tas-17 t'Ottubru 1997[4]. F'din is-sentenza l-Qorti qieset chassis number bhala document. Din il-Qorti jidhrilha li m'ghandhiex ghalfejn tahseb mod iehor dwar il-pjanci bin-numri. Dawn huma intizi bhala document ghal xi awtorita' pubblika. Aktar u aktar billi minn meta nghatat din is-sentenza, il-Legislatur introduca l-artikolu 189A li jaghti definizzjoni ta' dokument mill-aktar wiesgha.

37. Il-pjanci nnifshom am kinux mahluqin ex novo u lanqas ma kien hemm xi bdil fil-kontenut. Ghalhekk wiehed jsita' jikkonkludi li m'hemmx dikjarazzjoni jew stqarrija falza. Madankollu, galadarba l-pjanci twahhlu fuq karozza li ma kinux jappartjenu ghaliha, dawn qed jaghtu 'taghrif falz' ghaliex qed jghidu li dawn il-pjanci huma ta' karozza X meta filfatt huma ta' karozza Y. L-ghoti ta' taghrif falz huwa alternattiva fl-artikolu 188. Jigifieri li mhux bilfors ikun hem mil-falz ideologiku jew materjali. Bizzejjed li jkunu soddisfatti zewg elementi:

(a) Dokument pubbliku; - il-pjanci;
(b) Taghrif Falz; - dawn in-numri mwahhlin fuq il-karozza X.. Izda fil-fatt hemm tal-karozza Y.

38. La dawn iz-zewg elementi huma t-tnejn prezenti, l-imputat huwa hati li kiser dan l-artikolu u ghalhekk hati tar-raba' imputazzjoni.

[4] Pagina 273 ir-raba' parti.

39. Min-naha l-ohra l-Qorti mhuix tal-fehma li l-imputat ksier la-rtikolu 189 ghaliex meta l-imputat wahhal numru ta' karozza dfuq karozza ohra ma kien qed jaghmel ebda falsifikazzjoni.

40. Fl-istess kaz 'Il-Pulizija versus Paul Galea' il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falso ideologico u il-falso materiale abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux ġenwin (jiġifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra l-falz ideoloġiku meta għalkemm id-dokument ikun ġenwin 'non e' veridico, perche' colui che lo ho formqto gli fa dire cose contrarie al vero.'

41. L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid:

'Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto ewsclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui or ora abbiamo parlato.'[5]

42. Il-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny.

***'Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not….Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'[6]***

[5] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale Parte Speciale II pagina 606
[6] Prof Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II pagina 161

43. L-istess kummentatur jirreferi għad-dottrina Taljan msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document.' [7]

44. Il-punt li jitkellem fuqu Kenny joħroġ minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1997[8] :

***'The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report:***

***'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be what it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris……. As we have said…the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing ….The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it )or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered.***

[7] Professur Mamo Anthony op.cit. pagina 161.
[8] Archbold ed.1997 paġina 1901 22-8

***In R versus Moore the House of Lords construed the 1981 Act in accordance with the concept of forgery set out in the Law Commission Report.'***

45. Ghalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-hames imputazzjoni.

46. Dwar is-sitt imputazzjoni, jidher li kien ghadda zmien minn meta l-imputat wahhal il-pjanci ta' karozza fuq karozza ohra u meta saret l-istqarrija. Huwa spjega wkoll x'kienet ir-raguni. Izda ma qalx li filfatt kien saq il-karozza ghalkemm hemm suspett li hekk filfatt ghamel. Lanqas ma rah xi ahdd isuq il-karozza. Ghalhekk qed tillibera lill-imputat mis-sitt imputazzjoni.

47. Fl-ahharnett, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tas-7 imputazzjoni ghaliex hu nstab hati li wettaq reat fi zmien ta' probation li nghatat fis-27 ta' Mejju 2002 ghal sentejn u r-eat twettaq fl-20 ta' Mejju 2003 u fil-jiem ta' qabel.

**Konkluzjoni**

**Fil-konfront ta' Carmel sive Charlot Camilleri**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 262(g), 271(g), 281(a), 334 u 334A tal-Kap 9qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni biss u mhux qed tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni stante li dawn huma alternattivi ghall-ewwel imputazzjoni u jidhrilha li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 ghaliex peina ta' prigunerija mhux idonea . Ghalhekk qed tikkundannah ihallas multa ta' €600 liema multa tista' tithallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard mil-lum. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Ewros li ma jithallsux.

**Fil-konfront ta' Felix Caruana**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 262(g), 271(g), 281(a), 334 u 334A, 188, 189, 17, 18, u31 tar-Regolamenti tat-Traffiku (AL.128/1994) ta]t il-Kap 65, u l-artikolu 23 tal-Kap 446 issib lill-imputat hati tar-raba' u tas-seba' imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, mit-tieni, mit-tielet, mill-hames u mis-sitt imputazzjoni. Ghal dik li hija piena, ma jidhirx li l-kaz jimmerita perjodu ta' prigunerija u ghalhekk qed tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 flimkien mal-artikolu 17(f) tal-istess Kap 9 u qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa ta' €650 liema multa tista' tihallas b'rata ta' 100 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux aktar tard mil-lum. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc ikun dovut f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx, din ghandha tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Ewros li ma jithallsux.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------